MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2014

Numru. 832/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Ben Hamouda Rashad Ramadan**

**El Jadei Mahmud Fathi**

**Kumpilazzjoni Nru: 832/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Ben Hamouda Rashad Ramadan**, ta' 27 sena, bin Ramadan u El Bahloula nee' Ergeqi, imwieled Libya fid-29 t'Ottubru 1996, residenti fi Flat No 2, Bellavista, Triq Camenzuli, Balluta u bin-numru ta' residenza MT03198983; u

**El Jadei Mahmud Fathi**, ta' 22 sena, bin Fathi u Hawewa nee' Bzew, imwieled Libya fil-31 ta' Dicembru 1991, residenti fi Flat No 2, Bellavista, Triq Camenzuli, Balluta u bil-passaport Libyan numru 657904.

Akkuzati talli fit-03 ta' Settembru, 2014 ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart ta' filghodu (06.45hrs), minn Triq San Gorg, San Giljan flimkien ma persuna ohra:

1. Ikkomettew serq ta' mobile phone tal-ghamla HTC ghad dannu ta' Rory Steward, liema serq ma jkunx jiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), liema serq huwa aggravat bil-vjolenza.

2. Xjentement laqaw ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat ta' serq.

3. Hebbew kontra Rory Steward u Graham Adams sabiex jingurjaw, idejjqu jew jaghmlu hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Onorabli Qorti d-deportazzjoni mill-pajjiz f'kaz ta' sejbien ta' htija fuq iz-zewg imputati.

Rat l-artikoli 261(a), 262, 334 u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputati ammettew t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.

Rat li waqt l-istess udjenza l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet ingiebu bhala alternattivi ghal xulxin.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew t-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-ewwel zewg imputazzjonijiet ingiebu bhala alternattivi; stante li t-tieni imputazzjoni giet ammessa l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ewwel imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, l-koperazzjoni ta'l-imputati mal-pulizija, l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali netta taghhom u l-fatt li l-mobile misruq gie ritornat lil sidu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 334 u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra taghhom u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------